KLR 27/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru, 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: il-membru Joseph Debrincat.

**27.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**27.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.2.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li fir-rigward tat-talba biex isir ix-xogħol tat-tarmak fi Triq Sir Arturo Mercieca, il-Kunsill irċieva l-BOQ tal-Perit fejn qed jistma li x-xogħol jiġi jiswa mal-€162,989.78. Il-Kunsill talab aktar fondi mill-Ministeru għal Għawdex sabiex ikopri dan l-ammont. Il-Kunsill talab ukoll lill-Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex huma jkopru s-servizzi li għandhom jagħmlu mill-ġdid. Għad ma ntbgħatitx risposta. Il-membri qablu li tinħareġ l-offerta għax-xgoħol wara dawn il-korporazzjonijiet jibgħatu r-risposta tagħhom u wara li l-Ministeru għal Għawdex jikkonferma li lest li jiffinanzja x-xogħol fit-totalita' tiegħu.

27.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill qed iħejji sabiex issir il-'President's Solidarity Fun Run' nhar il-Ħadd 21 ta' Novembru 2021 u tenna li l-Fontana ser tipparteċipa mar-Rabat. Hu ħeġġeġ lill-membri sabiex jinkoraġġixxu lir-residenti biex jippartecipaw biex il-konkorrenza tkun waħda tajba.

27.2.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li attenda għal seminar rigward l-applikazzjoni għall-Belt Kulturali Ewropea 2031, nhar id-29 ta' Settembru fil-Valletta Design Cluster, fil-Belt Valletta. Ir-Reġjun Għawdex kien qed jiġi rappreżentat minnu u mill-President tar-Reġjun, l-Av. Samuel Azzopardi. Għal dan is-seminar attendew dawk ir-Reġjuni Maltin li ssottomettew l-espressjoni ta' nteress u kif ukoll rapprezentanti minn diversi bliet Ewropej.

27.2.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li kellu laqgħa kordjali mal-Kummissarju Għoli għall-Indja, Sangeeta Bahadur, nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru 2021, fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

**27.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

27.3.1 Il-memru Ħili staqsa jekk baqax kontijiet pendenti ta' Gatt Tarmac Ltd. Il-membri ġew magħrrfa li l-Perit Edward Scerri għandu jiċċertifika x-xogħol li kien sar mill-ħames Kunsill fi Triq il-Mitħna u x-xogħol li sar bħala bażi għall-*fencing* ta' madwar il-*playing field* ta' Triq Taħt Putirjal. Triq il-Mitħna saru diversi pagamenti akkont fuqha, pero' l-pagamenti kienu twaqqfu peress li nqala' l-każ tal-qorti fir-rigward tal-inċident li kien seħħ meta Gatt kien qed jagħmel xogħol ta' tarmak fi Triq it-8 ta' Diċembru, liema każ għadu pendenti. Dwar ix-xogħol tad-dawra tal-*playing field*, dan kien għadu ma tħallasx minħabba l-fatt li l-kuntrattur ippreżenta l-kontijiet tard. Hili staqsa wkoll fir-rigward jekk hemmx kontijiet pendenti fir-rigward tal-proġett tal-ERDF li kien sar mill-Kunsill preċedenti. Il-membri ġew mgħarrfa li mil-lat ta' fondi tal-Unjoni Ewropea, dan kollox imħallas. Dwar kontijiet oħra li Gatt preżenta fuq dan il-proġett wara diversi snin, hemm kollox spjegat fid-dettall fil-minuti ta' laqgħa numru 13/VIII/2020, datata 10 ta' Lulju 2020, meta kienu ġew il-Perit Edward Scerri u l-*Project Manager* William Sultana jispjegaw fid-dettall.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

27.3.2 l-Awtorita' tal-Artijiet fejn bagħtet il-kuntratt *updated* fir-rigward tad-devoluzzjoni tal-belvedere ta' Qasam San Ġorġ;

27.3.3 l-Avukat Noel Camilleri li kiteb għan-nom ta' Gatt Group fir-rigward ta' pendenzi bejn il-Kunsill u din il-kumpanija. Intalab sabiex il-kumpanija toħroġ *credit note* versu l-ammont ta' €12,846,04 li ġie deċiż fil-kawża bl-ismijiet "Kunsill Lokali Victoria vs Gatt Asphalting Limited" permezz tas-sentenza datata 24 ta' Ġunju 2020 u mingħajr preġudizzju għall-appell pendenti liema appell ġie intavolat mill-Kunsill Lokali. Wara li ttieħed il-parir tal-Avukat tal-Kunsill il-membri qablu ma' din il-proposta u mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-appell;

27.3.4 il-Gozo Action Group Foundation (GAGF) fejn intalab update tar-rappreżentant tal-Kunsill fi ħdan il-GAGF. Il-membri qablu li dan ikun is-Sindku kif dejjem kien fil-passat;

27.3.5 id-Diviżjoni għall-Gvern Loakli rigward żjajar li jistgħu isiru minn membri tal-Kunsilli u mill-istaff amministrattiv f'reġjuni Ewropej sabiex jingħata għarfien fuq avvenimeti kulturali li jkunu ser isiru fil-lokalita. Dan il-proġett qed jiġi finanzjat mill-Kunsill Malti għall-Arti;

27.3.6 Kenneth Cutajar, *Chief Operating Officer*, *District Operations Ltd.* rigward il-*Performace Reports* tal-ħaddiema li qegħdin taħt il-*Communty Worker Scheme*. Il-bonus ta' dawn il-ħaddiema ġie approvat;

27.3.7 id-Direttur Mużikali ta' 'DCapitals Big Band' fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex jipparteċipa fit-tielet edizzjoni tal-festival "Kantamagħna" li se jsir fit-Teatru Asrta nhar is-Sibt 22 ta' Jannar, 2022. Il-membri qablu li l-Kunsill jgħin fil-loġistika u li l-premju lir-rebbieħ tal-kategorija tal-kbar, kategorija Ċ, jiġi ppreżentat mis-Sindku;

27.3.8 Ian u Penny Foster li joqgħodu fi Sqaq numru 1 fi Triq Librerija. Dawn kitbu sabiex titranġa arkata f'dan l-isqaq u li qed jgħidu li din hi pubblika. Il-membri raw ir-ritratti li ntbagħtu u ma jidhirx li din l-arkata hi pubblika;

27.3.9 MG Car Club Malta rigward *static car show* li tista' ssir fir-Rabat.

**27.4 '*New Energy efficent lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.*' LCF/16/2020 – *update***

Tressaq ir-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni fuq it-tieni offerta li nħarġet rigward dan il-proġett. Skont il-bord, Richard Cauchi hu l-kuntrattur li għandu jintgħażel peress li l-offerta tiegħu biss hi konformi mar-rekwiżiti tal-offerta. Il-prezz totali tal-offerta ta' Cauchi hu €154,203.50. Il-membri qablu li l-offerta tingħata lill-Richard Cauchi. Billi dan il-proġett ser ikun iffinanzjat mid-*'Development Planning Fund'*, l-Awtorita' tal-Ippjanar għandha tiġi nfurmata li din l-offerta ġiet mgħotija.

**27.5 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar.**

Il-membri ġew magħrrfa li nħarġet it-tieni offerta (VLC/05/2021) rigward ix-xogħol ta' restawr ta' dawn l-istatwi. Din tagħlaq nhar il-Ħamis, 29 ta'Ottubru, 2021.

**27.6 CCTVs f'Taċ-Ċawla H.E.**

Il-membri ġew mgħarrfa li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mill-Awtorita' tad-Djar fir-rigward jekk is-CCTVs jistgħux jitpoġġew mal-*blocks* u anke' jintuża l-*metre* tad-dawl tal-komun fejn ikun hemm il-bżonn.

**27.7 Immaniġġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) approvat:-

27.7.1 *double yellow line* fi Triq Francesco Masini kantuniera ma' Triq l-Ewropa;

27.7.2 l-ispostament ta' *zebra crossing* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II minħabba li fit-talba tal-permess – PA/347/21, din kienet ser tiġi eżatt quddiem il-garaxx;

27.7.3 *1 metre double yellow line* maġenb garaxx faċċata tal-'Victoria Scout Group' fi Triq Santa Dminka.

<u>Korrispondenza relatata mat-traffiku</u>

27.7.4 Tressqet ittra oħra tal-Avukat Mario Scerri li kiteb għan-nom ta' Elizabeth Paulsen ta' 40, Triq il-Librerija. Qed titlob li l-Kunsill jirranġa l-vleġġa li hemm man-"No Waiting" sign peress li jekk tibqa' kif inhi is-sinjali sofor ikunu tneħħew għalxejn. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM.

27.7.5 Tressqet talba ta' Ronnie Vella li għandu l-għelieqi fejn il-H.E. taċ-Ċawla. Qed jitlob li quddiem l-entratura tal-għelieqi ma jitħallewx vetturi jipparkjaw peress li ma jkunx jista' jidħol bl-inġenji tiegħu fl-għelieqi. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM.

27.7.6 Tressqet emejl fejn ġie lmentat li fl-isqaq fi Pjazzetta fuq it-Tomba qed jiġi pparkjat trakk li barra li jingombra l-isqaq qed jagħlaq tieqa tad-dar privata. Dan it-trakk qed joħloq

inkonvenjent għax din it-tieqa ma tkunx tista' tinfetaħ peress li jikkontamina l-arja. Il-membri qablu li jintalab il-parir ta' TM sabiex din l-inkonvenjenza ma tibqax iseħħ.

27.7.7 Tressqet talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Mary Rosaria Refalo, ta' 124, Triq Repubblika. Għandha timtela l-formola rikjesta.

27.7.8 Dwar il-parkeġġi li hemm fi Triq Repubblika u li huma riservati għall-*Go To Car Sharing*, is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-kumpanija li tieħu ħsieb dan il-proġett ma rrispondietx bil-veduti tagħha sabiex dawn jitneħħew. Il-membri qablu li l-Kunsill jgħarraf lill-TM li dawn iridu jitneħħew u flokhom isiru ġodda fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*.

27.7.9 Tressqu r-risposti tar-residenti ta' Triq Viani fejn il-Kunsill kien talab il-veduti tagħhom jekk jaqblux jew le li jitpoġġew road humps bħala *traffic calming measure*, quddiem id-djar rispettivi tagħhom. Il-membri qablu li l-Kunsill jara min joqgħod faċċata ta' dawk ir-residenti li ma jsibux oġġezzjoni li titpoġġa *road hump* quddiem id-dar tagħhom.

## 27.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2021 skond dokument A anness.

## 27.9 Xogħlijiet oħra

27.9.1 Tressqet talba sabiex ssir bozza ġdida fi Triq il-Wied. Resident li joqgħod fi 12, Triq Mons. Luiġi Vella għandu garaxx fi Triq il-Wied u aċċetta li teħel bozza mal-garaxx tiegħu.

Il-membri qablu li:-

27.9.2 ssir bozza ġdida fuq arblu eżistenti fi Triq tal-Far;

27.9.3 jitranġa t-tarf tat-triq bil-porfido fi Triq is-Suq fejn qed jitranġa post bir-riżultat li ftit pulzieri tul dan il-post ġie mingħajr kisi;

27.9.4 jitnaddaf il-wied li jieħdok għall-Lunzjata, int u dieħel ta' Kerċem. Għandu wkoll jitranġa ċ-ċint tiegħu peress li bl-ammont ta' xita li għamlet, iċ-ċint ġarrab xi ħsara.

27.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (LGD) fir-rigward ta' pagamenti li saru f'Jannar 2021, fosthom *catering*, materjal ta' tindif li jinxtara biex il-latrini pubbliċi jinżammu kif suppost, kontijiet ta' Savio Bugeja (fost il-pagamenti tiegħu hemm minhom li huma koperti b'żewġ kuntratti li għandu mal-Kunsill) u pagamenti tas-servizz tal-accountant. Il-Kunsill qabel li jimxi mar-regoli tal-*procurement* kif ingħata l-parir mid-LGD.

**27.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19:30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnjen, 29 ta' Novembru 2021 fil-17:00.

Josef Schembri<br>
Sindku

Miriam Attard<br>
Segretarju Eżekuttiv